MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 140/2006

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-21 ta’ April, 2006 li permezz tiegħu A espona bir-rispett:

1. Illi r-rikorrent A u l-intimata B iżżewġu fl-għoxrin (20) ta’ Awissu tas-sena elfejn (2000) skond ċertifikat taż-żwieġ anness u mmarkat Dok. SM1;

2. Illi miż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti ma twildux tfal;

3. Illi l-kontendenti sseparaw legalment permess ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 23 ta' Diċembru, 2005 (fl-atti tan-Nutar Dr. Malcolm Mangion);

4. Illi l-kunsens tal-partijiet għaż-żwieġ imsemmi kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

5. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew għall-att taż-żwieġ;

6. Illi għalhekk iż-żwieġ ta' bejn il-partijiet hu null u invalidu għall-finijiet u effetti tal-liġi.

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex għar-raġunijiet premessi;

1. Tiddeċiedi u tiddikjara li ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet ta' l-għoxrin (20) ta' Awissu tas-sena elfejn (2000) hu null u invalidu għall-finijiet u effetti tal-liġi u dan skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 19 (1)(d) u/jew l-artikolu 19 (1)(f) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata li hi minn issa nġunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fl-1 ta' Awissu, 2006 li

permezz tagħha l-konvenuta B esponiet bir-rispett:

1. Illi l-eċċipjenti taqbel li jeżistu raġunijiet suffiċjenti sabiez iż-żwieġ ikkontrattat bejnha u bejn l-attur Afl-għoxrin (20) ta' Awissu tas-sena elfejn (2000), jiġi dikjarata null u bla effett għal finijiet u effetti kollha tal-Liġi.

2. Illi l-eċċipjenti tirrileva li ż-żwieġ ikkontratta bejnha u bejn l-attur Afl-għoxrin (20) ta' Awissu tas-sena elfejn (2000), għandu jiġi dikjarat null u bla effett għal finijiet u effetti kollha tal-Liġi *ai termini* ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta b'mod ġenerali, u b'mod speċifiku a tenur tal-provvedimenti tal-paragrafi (a), (c), (d), u (f) ta' l-istess Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Illi inoltre, it-talbiet fir-rikors promotur għandhom jiġu respinti sa fejn jimplikaw li t-tort huwa imputabbli unikament lill-eċċipjenti, u dan għal raġunijiet esklussivament imputabbli lill-attur, u dan kif ser jirriżulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

4. Illi mis-suespost isegwi li t-talba ta' l-attur għall-annullament taż-żwieġ *de quo* għandha tiġi milqugħa minn din l-Onorabbli Qorti, u dan unikament minħabba raġunijiet eslussivament attribwibbli lill-attur.

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.

Għaldaqstant, l-esponenti, teċepixxi bir-rispett;

(i) Illi in kwantu għat-talba ta l-attur għall-annullament taż-żwieġ ikkontrattat bejn l-eċċipjenti u bejn l-attur Afl-għoxrin (20) ta' Awissu tas-sena elfejn (2000),

din it-talba għandha tiġi milqugħa, u dan unikament minħabba raġunijiet esklussivament imputabbli lill-attur.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavits tal-partijiet u ta’ omissis.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Jannar, 2007 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed titlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fl-20 ta’ Awissu, 2000 a bażi ta’ l-Artiklu 19 (1) (d), u (f) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta’ Malta. Il-konvenuta tikkontesta t-talba kif dedotta iżda taqbel li ż-żwieġ għandu jkun dikjarat null għal raġunijiet imputabbli lill-attur u għall-istess kawżali oltre kawżali oħra u cioe’ dawk previsti mill-Artiklu 19 (1) (a) u (c). Naturalment pero’, kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; “*F’materja ta’ żwieġ illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b’hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew responsabilita’ ta’ xi kolliżjoni imma f’kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta’ żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero’ dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta’ dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubbju.*” (Anna Tonna vs Alexander Tonna deċiża mill-Qorti ta’ l-Appell fis-6 ta’ Novembru, 1991).

L-artikoli ċitati mill-attur jirrigwardjaw;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta’ xi parti li jkun b’difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-

drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikoloġika li tagħmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi element essenzjali tiegħu, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ.

Mill-provi mressqa mill-partijiet jidher li apparti r-raġunijiet li ġab l-attur il-konvenuta kellha kawżali serja ukoll fil-konfront tiegħu u cioe' il-problema tal-fertilita'. Ir-raġunijiet imressqa mill-attur fl-affidavit tiegħu jirrigwardjaw l-iktar in-nuqqas da parti tal-konvenuta illi tieħu ħsieb l-affarijiet finanzjarji tagħha, apparti ċertu nuqqas ta' responsabilita'. Dawn ma ġewx ribattuti mill-konvenuta li pero' kif ġia' ingħad ressqet prova wkoll ta' importanza li minn naħa l-oħra lanqas ġiet ribattuta.

Il-Qorti tosserva wkoll li l-partijiet kienu nieqsa mill-maturita' neċessarja meta daħlu fiż-żwieġ u kien messhom indunaw li ż-żwieġ ma kienx destinat li jdum wisq. Meta parti takkuża l-oħra bi tqanqiċ u l-oħra tirribati b'akkuża ta' ħela normalment ikun sinjal ta' inkompatibilta' fiżjoloġika *ab initio*. Dan il-fatt għalhekk se jkun rifless fil-kap ta' l-ispejjeż.

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba ta' l-attur u tiddikjara null iż-żwieġ bejn il-kontendenti kontrattat fl-20 ta' Awissu, 2000. L-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------